Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **45** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tlieta 19 ta' Frar 2013 fis-6.30p.m.**

# L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Daniel Spiteri (daħal għall-laqgħa fis-7.05pm)<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sinjura Carmen Fearne |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużati | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja<br>Is-Sur Jesmond Mugliett |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 44.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tal-Budget għas-sena finanzjarja 2013.
6. Approvazzjoni tal-*financial statements* għas-sena finanzjarja 2012.
7. Aġġudikazzjoni tal-kwotazzjoni *MLC 01/2013 Supply and delivery of print cartridges to Marsaskala Local Council.*
8. Mistoqsijiet.
9. Mozzjonijiet.
10. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
11. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

**Il-laqgħa ġiet immexxija mill-Viċi Sindku fl-assenza tas-Sindku.**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 44(1) tas-16 ta' Jannar 2013:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi item # 5.0 ta' paġna 9 il-ħames paragrafu titneħħa l-kelma unanimu u tiġi tinqara hekk:

*"Kien hemm qbil li l-proġett tal-Bidni jsir kollu, kif ukoll parti minn Triq tal-Gardiel u Triq il-Qaliet".*

**Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur George Farrugia ssekonda.**

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

**Laqgħa Nru 44(1) tas-16 ta' Jannar 2013:**

2.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv fuq din l-item #3.4 jekk kellniex risposta mingħand Gafa Saveway Cleaners.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li konna bagħatna ittra u huma nfurmawna illi ż-żieda li kienu qed jitolbu kienet minħabba l-għoli tal-ħajja. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega illi din is-sejħa ta' kwotazzjoni għanda terġa tinħareġ u fil-kwotazzjoni l-ġdida għandna nniżżlu li l-kuntrattur qed jaderixxi mal-liġi fir-rigward ta' paga u kundizzjonijiet tal-ħaddiema tiegħu.

Il-Viċi Sindku qal ukoll illi fil-kwotazzjoni l-ġdida għandu jitniżżel ukoll illi jingħataw iż-żieda skond il-*cost of living adjustments.*

Il-Kunsill approva unanimament sabiex noħorġu sejħa għall-offerti ġdida u nniżlu dawn iż-żewġ klawżoli.

2.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt #3.1 jekk kienx hemm xi żvilupp rigward Triejqet ix-Xibka.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi s-sitwazzjoni għada f'idejn ir-residenti u t-triq għada mhux skedata.

2.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt #3.7 jekk għandiex risposta rigward iċ-ċilindri tal-gass quddiem is-Summer Nights.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi konna bagħtna l-ittra li noġġezzjonaw u ma rċevejna l-ebda risposta.

2.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq punt #3.3 jekk is-Sur Galea bagħatilniex l-affarijiet neċessarji rigward il-ħsara tal-vettura tas-Sur Galea fi Triq tal-Gardiel.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi hu kien ikkorisponda miegħu, pero` baqa ma bagħat xejn.

2.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq punt #3.11 jekk kienx hemm xi żvilupp fuq dan il-*bus shelter* li jinsab fi Pjazza Dun Tarcis Aguis.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kkomunika mat-TM fejn sar qbil illi dan il-*bus shelter* jinbidel min-naħa tagħhom. Fil-fatt it-TM qabdu lill-Perit tagħhom u ħarġu sejħa għal-offerti, biex jinqala s-saqaf ta' dan il-*bus shelter*. Huwa kompla jispjega illi dan il-*bus shelter* mhux skedat.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud qal li jekk dan il-*bus shelter* jinbidel għandu jsir kbir kif kien peress li dan l-istage jservi ukoll bħala post fejn jistkennu n-nies. Huwa kompla jgħid illi huwa ta' l-opinjoni li titħalla l-istruttura tal-ġebel kif inhi fil-preżent u jinbidel is-saqaf biss.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi skond TMalta s-saqaf ma jistax isir tal-konkos għaliex l-istruttura ma tiflaħx għalih u kieku kellu jsir, trid tinbidel l-istruttura tal-*bus shelter*. Huwa kompla jgħid li anke saqsijhom jekk jistax isir bis-saqaf bil-*corrugated iron*, iżda qalulu li peress li dan il-*bus shelter* jinsab ħdejn il-baħar allura jkollu bżonn ta' ħafna manutenzjoni u għaldaqstant ma jistgħux jagħmluh tal-ħadid.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal qabel ma jinqala` għandna nkunu nafu eżatt kif ser jiġi l-*bus shelter* il-ġdid.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li bħala *stage* ma jintużax minn ħafna nies, iżda iktar jintuża bħala *meeting point* u għaldaqstant huwa tal-fehma li l-*istage* ma jsirx daqshekk kbir u ssir xi tip ta *gazebo* sabiex isservi bħala *meeting point* għan-nies minflok li jużaw dan il-*bus shelter*.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li hija tal-opinjoni illi minflokk il-funtana li hemm fi Ġnien Sant'Anna issir din il-*gazebo*. Hija kompliet tgħid li din il-funtana iktar tkun mitfija u maħmuġa milli taħdem.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud qal li qabel meta kienet saret il-funtana kienet taħdem.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-*bus shelter* jsir bħal bus shelters l-oħra l-ġodda iżda li jituża l-ikbar mudell li għandhom *Faces Consultants*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jekk mhux ser jkun hemm persuna li tiddedika mqarr nofs siegħa kuljum sabiex inaddfu l-ħmieg li jkun fija l-funtana, nutli li tagħmel funtani.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fit-*tender* il-ġdid tal-*parks and gardens* niżżilna illi l-funtani għandhom jitnaddfu mill-kuntrattur, fil-fatt huwa tkellem mal-ELC fejn intlaħaq ftehim illi għal-ewwel darba l-ħaddiema tagħna se jnaddfu l-funtani u wara se jitnaddfu kulljum minn persuna ta' l-ELC.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li biex isir dan il-bus shelter Tmalta se jkollha bżonn li tissottometti permess lil MEPA u allura se jkun hemm perjodu ta' żmien fejn mhux ser ikun hemm *bus shelter*.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għall-laqgħa fis-7.05p.m.***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-ħaddiema tal-IPSL għandhom jagħmlu xogħol manwali u mhux xogħol li jikkonċerna xogħol ta' uffiċċju. Huwa żied jgħid illi ċertu xogħol li suppost qed isir min-naħa tal-ħaddiema tal-IPSL qed isir mill-kuntrattur bi ħlas.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li x-xogħol għandu jsir sew u jiġi moniterjat.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa minn waħħal it-tabelli li jindikaw il-postijiet storiċi minħabba li twaħħlu baxxi u twaħħlu fuq *pole* waħda meta t-tabelli huma wiesgħa u kellhom jitwaħħlu b'żewġ *poles* peress li t-tabelli huma wiesgħa. Huwa żied jgħid ukoll li l-*pole* ġie maħruġ il-barra.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi dawn it-tabelli twaħħlu mill-Kuntrattur tal-*works tal-ERDF 212* u dan il-kuntrattur waħħal it-tabelli skond kif kellu fit-*tender*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nqabbdu l-ħaddiema tagħna sabiex jirranġaw dawn it-tabelli.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri li peress li quddiem il-*bus shelter* iżomm ħafna ilma, jkun aħjar jekk dan il-*bus shelter* jiġi rtirat il-ġewwa meta jitwaħħal kif inhu l-*bus shelter* eżistenti jew saħansitra naqra iktar 'il ġewwa.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Appell numru 322/05 Kunsill Lokali Marsaskala kontra MEPA. Appell miċħud mit-Tribunal tal-Appelli (35/0528/13/I):**

**Appell numru 48/07 Kumitat kontra l-Impjant għar-riċiklaġġ kontra MEPA ukoll miċħud mit-tribunal ta' l-appell filwaqt li jikkonferma l-permess PA 4607/06 kif maħruġ mill-Kummissjoni għall-kontroll ta' l-Iżvilupp (35/0529/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi skond il-korrispondenza iż-żewġ appelli ma ġewx milqugħa.

3.2 **Parking Stations outside school (35/0497/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Surmast qed jitlob biex l-ewwel parkeġġ ta' fuq nett ta' Triq Dun Frans Bianco jitneħħa sabiex il-*coaches* illi jitilgħu ħdejn l-iskola jkunu jistgħu jimmanuvraw sew meta jiġu biex idawru.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nilqgħu t-talba tal-Kap ta' l-Iskola u jitħassar dan il-parkeġġ.

3.3 **Rapport dwar il-laqgħa ma Keith Muscat wara d-deċiżjoni tal-Kunsill li niltaqgħu miegħu rigward il-klejm għall-kumpens tal-karru fi Triq il-Bidni:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi hu kien iltaqa` mas-Sur Muscat u staqsih kif inhu possibli li hu daħal ġo ħofra waħda u għamel ħsara fuq żewġ *tyres*. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega illi s-Sur Muscat kien wieġbu li għalkemm kien daħal ġo ħofra waħda, kellu jbiddel is-sistema kolha tal-karru b'hekk telgħa dak l-ammont. Huwa żied jgħid li s-Sur Muscat jaċċetta illi jiġi rimborsat nofs l-ispejjeż li kien qed jitlob għalihom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi is-Sur Muscat jingħata s-somma ta' €100.00

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-ġimgħa preċidenti kien sabu persuna li jgħaddi minn Triq iż-Żonqor il-parti ta' qabel id-dar il-ħamra fejn qalu li tant kemm fija ħofor li huwa mpossibli li tiskapula l-ħofor peress li jkun hemm il-karozzi pparkjati fil-ġenb.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li fil-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet il-Kunsill kien iddeċieda li din il-parti tat-triq għanda tingħata t-tarmak.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalilhom illi huwa mpossibli li jsiru t-toroq kollha msemmija mill-Kunsilliera cioe` Triq il-Bidni, Triq iż-Żonqor u Triq La Sengle għaliex il-Kunsill m' għandux biżżejjed fondi biex jagħmel dan ix-xogħol kollu f'sena għalkemm il-proġetti kollha ġew approvati.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ppropona li niefqu milli nagħmlu l-bankini sabiex isiru t-toroq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal lis-seduta li għaddiet preżenta *budget* li ser napprovawh f'din is-seduta li juri li ser niġu b'€40,000 *deficit*. Huwa żied jgħid illi l-Kunsilliera jridu jieħdu deċiżjoni liema toroq jridu jsiru għaliex m'hemmx biżżejjed fondi.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li ma jsirux bankini u jsiru t-toroq.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li dalwaqt ser ikun hemm Kunsill ġdid.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li biex nagħmlu Triq iż-Żonqor, Triq il-Bidni, Triq La Sengle, Triq il-Qaliet u Triq ta' Gidwet ser jammontaw għal ċifra enormi meta tqis li se jkollna rati ġodda. Huwa kompla jgħid li hu kien issuġġerixxa li fi Triq il-Bidni nonfqu €30,000 pero` il-Kunsill ma kienx qabel u kien iddeċieda li jagħmel proġett kollu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-Kunsill ilu snin iwiegħed lir-residenti ta' Triq il-Bidni li se ssir bit-tarmak u allura dan il-proġett irid jingħata prijorita`. Huwa kompla jgħid illi waħda mill-problemi ta' l-istat ħażin ta' Triq iż-Żonqor hija minħabba l-iżviluppaturi tal-kumpless Ta' Monita minħabba li kienu għaddew trinka sabiex jagħmlu t-*traffic lights* f'din it-triq.

Wara konsultazzjoni bejn il-kunsilliera kollha tħassret mozzjoni bi qbil bejn il-kunsilliera preżenti.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ippropona din il-mozzjoni:

*"Għandu jsir moratorjum ta' sena fuq manutenzjoni ta' bankini sabiex il-flus jintefqu fuq manutenzjoni ta' tarmak ħlief dawk il-bankini li jkunu ta' periklu imminenti. Filkas ta' periklu imminenti għandha ssir mozzjoni u tiġi approvata fis-seduta li jmiss".*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda.

Il-Kunsill qabel unanimament favur din il-mozzjoni.

- ***Intalbu sospenzzjoni tar-regolamenti.***

6.0 **Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja 2012:**

L-Accountant is-Sur Lawrence Cauchi beda biex jgħid illi l-Kunsill għamel *deficit* u parti minn din ir-raġuni hija minħabba illi l-*income* naqas u kif ukoll minħabba l-flus tal-*law enforcement* li issa m'għadhomx jidħlu bl-istess rata minħabba r-Reġjuni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fis-sena 2012 il-Kunsill kien ġie b'*deficit* minħabba li sar il-*patching* estensiv ta' Triq il-Qaliet u fil-*budget* għas-sena 2013 hemm illi l-Kunsill ser jonfoq madwar €40,000 iktar u għaldaqstant il-flus li konna użajna fl-2012 sabiex isir *patching* estensiv mhumiex ser jiġu depożitati fl-2013.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud qal illi l-flus li kellna allokati għal-bini amministrattiv tal-Kunsill kellhom jerġgħu jiġu ddepożitati lura fil-kont.

Il-Kunsilliera is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk nistgħux nużaw il-fondi li għandna tal-UIF sabiex inkunu nistgħu nibnu l-bini amministrattiv. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li wieħed irid l-ewwel japplika.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rridu niċċekjaw pero` wieġbu ukoll illi hemm diversi proġetti approvati mil-Kunsill diġa fejn dawn il-flus li għandna tal-UIF jintużaw għalihom bħala bankini fi Triq il-Blajjiet u Triq San Gwakkin.

L-Accountant is-Sur Lawrence Cauchi spjega l-*financial statements* fid-dettal.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ippropona l-*financial statements* u l-Kunsillier is-Sur George Farrugia issekonda.

Il-Kunsill approva unanimament l-*financial statements.*

3.4 **Ħlas għas-servizz ta' Optician għall-Impjegati tal-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsilliera illi bħas-snin ta' qabel il-Kunsill kien imħallas sabiex l-impjegati jgħamlu *eye test* darba fis-sena.

Il-Kunsill approva unanimament sabiex l-impjegati jagħmlu l-*eye test* u jiġu rimborsati.

3.5 **Problema dwar l-ERDF 212:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera bl-andament tal-proġett tal-ERDF 212. Huwa spjega li meta aħna konna ħriġna t-*tender tal-works* ta' dan il-proġett konna ħrieġna wkoll it-*tender* tal-Perit għal dan il-proġett u allura kull min kien issottometta r-rata tiegħu għat-tender tal-Perit kien tefa *flat rate* u mhux persentaġġ fuq il-valur tax-xogħolijiet. Huwa kompla jżied jgħid illi l-Kunsill kien infurmat illi setgħet tinqala ċirkostanza fejn il-Kunsill setgħa jħallas xi flus mill-fondi tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega illi peress li kien hemm problema minħabba r-*railing* ta' madwar it-Torri San Tumas peress illi r-*railing* quddiem il-Jerma ma setgħax isir, il-PPCD infurmawna illi l-Perit għandu jitħallas *pro rata* tal-kuntratt tal-*works* għaliex skond il-PPCD aħna stajna nkunu nafu illi dik l-art hija privata. Is-Segretarju Eżekuttiv hawn spjega li l-Kunsill kien applika għar-*railing* fuq il-perimetru ta' ġewwa iżda l-permess kien ħareġ fuq il-perimetru ta' barra wara r-rakkomandazzjoni tas-sovratindent tal-Wirt Kulturali. Il-Kunsill allura kien għamel ir-riċerki fuq il-perimetru ta' ġewwa li kienet propjeta tal-gvern.

Huwa kompla jispjega illi s-Sindku u hu kienu ltaqgħu mal-Perit Samuel Formosa fejn kien infurmhom illi apparti li mhux ser jitħallas l-ammont kollu li kien issottometta fit-*tender* minħabba l-problema tar-*railing* huwa min-naħa tiegħu kellu iħallas lil arkejologu iktar milli suppost.

Dan peress li s-sovratindenza tal-Patrimonju Kulturali kienet talbet li ssir sorveljenza ukoll maż-żewġ ġnubijiet laterali għalkemm fil-fehma tal-Kunsill ma kienx hemm għalfejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li l-Perit Samuel Formosa kien tas-sehem tiegħu ukoll sabiex issir stima ġdida għal Triq ir-Ridott bħala xogħol alternattiv minflokk r-railing ta' quddiem il-Jerma Palace liema xogħol ma kienx ġie aċċettat mil-PPCD.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa qed jipprova jikkonvinċi lill-PPCD sabiex il-Perit jitħallas ir-rata kollha għas-servizz ta' arkeologu minħabba li l-arkeologu fil-fatt kellu jkun fuq il-post ħafna iktar milli kien maħsub.

Mil-banda l-oħra, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill kien se jirċievi invoice mil-Perit Formosa li kienet se titħallas mil-fondi tal-Kunsill li kienet se tammonta għal madwar €550 bħala xogħolijiet addizjonali li ma setgħux jiġu koperti mil-proġett tal-EU skond kif diġa spjegat.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan

Il-Kunsill qabel unanimament illi nħallsu l-ispejjeż li qed jitlob il-Perit Samuel Formosa.

3.6 **Ħatra ta' bord ta' evalwazzjoni għall-aġġudikazzjoni ta' tender ta'Project Manager Gal Xlokk:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi t-tender tal-*Project Manager* tal-Gal Xlokk ħriġnieh u għaldaqstant il-Kunsill għandu jagħżel tlett persuni bħala membri tal-bord tal-evalwazzjoni, apparti s-Sindku bħala Chairman u hu bħala Segretarju tal-bord, għalkemm huwa mhux ser ikollom dritt tal-vot. Huwa kompla jgħid illi għandna ngħażlu tlett persuni sabiex jevalwaw l-*financial, administrative* u *technical* kif konna għamilna għat-*tender* tal-ERDF 212.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għandna nistabillixu r-rata li ser nħalsu minn qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-irħas rata li konna ħallasna għal-bord tal-aġġudikazzjoni tat-*tender* tal-ERDF 212 kienet ta' €20 inkluż il-vat is-siegħa. Huwa kompla jżied jgħid illi il-membri tal-bord tal-aġġudikazzjoni ma jistgħux jissottomettu l-offerta tagħhom għat-*tender* tal-*Project Manager.*

Il-Kunsilliera pproponu illi għal-*Financial* ningaġġaw lis-Sur Lawrence Cauchi l-*accountant* tal-Kunsill, għal-*administrative* ningaġġaw lis-Sur Mark Causon u għat-*technical* ningaġġaw lis-Sur Joe Mercieca.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nistaqsu lil dawn it-tlett persuni jekk humiex disponibbli sabiex jiffurmaw parti minn dan il-bord u jekk jaċċettawx b'din ir-rata.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'seduta minnhom il-Kunsill kien approva illi f'dan il-proġett isir *skatebord park*, huwa kompla jgħid illi huwa kien iċċekja u qal illi rampa waħda biss tiġi tiswa madwar €30,000. Dan ifisser li biex isir skateboard park għandu jitneħħa apparat tal-logħob ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Laurence Ciantar qalu li għanda ssir konsultazzjoni mar-residenti tal-madwar rigward l-*iskateboard park*.

3.7 **Korrispondenza mingħand is-Sur Mark Causon dwar il-proġett tal-Gal Xlokk:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi s-Sur Mark Causon mhux ser ikollu iktar fuq il-proġett tal-Gal Xlokk u jitlob li nħallsuh għax-xogħol li għamel. Huwa kompla jispjega li kien hemm xi affarijiet mill-pagamenti li kien qed jitlob li kien diġa tħallas għalihom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nħallsuh għax-xogħolijiet li għamel u li għadu ma tħallasx għalihom.

3.8 **Talba tas-Sur Elia Delia (35/0600/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bdiewa tal-inħawi ta' San Anard qed jitolbu l-ħlas ta' €100.00 biex jirkupraw l-ispejjeż tal-fuel sabiex jirranġaw din it-triq bit-terrapin.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex inħallsu s-somma ta' €100 sabiex inkopru l-ispejjeż tal-gaffa u l-*fuel*.

3.9 **Risposta mingħand Polidano Bros:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kuntrattur Polidano Bros bagħtilna r-rati l-ġodda tal-*patching*, fejn dawn ir-rati iktar milli irdupjaw.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne staqsiet jekk jistgħux ivarjaw il-persentaġġ daqshekk.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi *variation* tista` tkun minn sa mhux aktar minn 10%. Huwa kompla jgħid illi s-Sindku kien kellmu sabiex filkas isiru l-partijiet biss li fadal fi Triq il-Qaliet u Triq ta' Gidwet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa li t-*tender* tal-*patching* għandu jinħareġ bħala *Minor, Major patching and resurfacing.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi peress li *tender* tal-*patching* u dak tal-manutenzjoni tal-bankini ser jagħlaq, allura għandna noħorġu t-*tenders* mil-ġdid.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandna nibgħatu ittra lill-Polidano Bros fejn ninfurmawhom illi l-Kunsill mhux qed jaċċetta ż-żieda fir-rati li qed jitolbu huma u f'każ li ma nirċevux risposta allura l-Kuntrattur ikun qed jikkonferma li mhux qed jaċċetta r-risposta tagħna. Id-*deadline* għar-risposta għanda tkun sal-Ġimgħa 22 ta' Frar 2013.

3.10 **Ittra legali dwar il-kundizzjoni tal-bankina u tarmak fi Triq il-Kavallieri ta' Malta (35/0620/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta komunikazzjoni li rċivejna mingħand l-Avukat Grech għan-nom tas-Sur Abela fejn qed jgħid illi l-klijent tiegħu qed isofri ħsarat fil-garaxx tiegħu illi jinsab fi Triq il-Granmastri u għaldaqstant qed jitlob illi nirranġaw it-triq li hemm fi Triq il-Kavallieri ta' Malta.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lit-TM peress illi din il-parti tat-triq qatt ma kienet saret. Probabilment meta kienet saret din it-triq kien hemm ċint peress illi kienet għada art vojta.

Għaldaqstant il-Kunsill mhux ser jaċċetta r-responsabbilta` tad-danni li qed isofri s-Sur Abela filwaqt li l-Kunsill se jinforma lill-Awtoritajiet ikkonċernati.

3.11 Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri staqsa lis-Segretarju jekk irċevejniex ir-ritratti ta' ħdejn il-Jerma li jindikaw l-bżonn ta' manutenzjoni li trid issir fuq iċ-ċint tal-konkos kif ukoll il-bżonn li jkollna t-testijiet tal-konkos.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li l-kuntrattur ser jiġi nhar il-ġimgħa sabiex issir manutenzjoni li hemm bżonn kif ukoll sabiex iġibu magħhom it-testijiet tal-konkos.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nqabdu kumpanija aħna ndipendenti sabiex isiru t-testijiet fuq il-konkos.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi fl-iskeda tal-pagamenti Nru 44 il-pagament numru #2335 u #2336 ġew ikkanċellati peress li kien hemm żball fl-ammonti u reġa ħareġ pagament ieħor f'din is-seduta # 2463.

4.2 Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq x'hiex kien pagament #2420

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kien hemm xi manutenzjoni li saret fuq il-pompa u fis-sistema ta' l-elettriku fi Ġnien Charles Clews u peress li l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri kien imsiefer kien mar hu man-Nexos pero` dawn min-naħa tagħhom ma setgħux jirranġaw ix-xogħol u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv kien sab persuna sabiex tirranġa l-ħsarat wara li kien ikkonferma mas-Sindku.

Il-kuntrattur kien ġabilna wkoll *invoices* tat-tiswija tal-pompa li kien ħa għat-tiswija

4.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa x'kien ix-xogħol ta' Pjazza Dun Tarcis Aguis tal-pagament #2436.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kienet tiswija ta' *culvert*.

4.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagament #2426 ta' l-*istreet sweeping*, fejn talab biex ikun jaf jekk hux qed jiġu l-erbgħa ħaddiema jiffirmaw. Wara li inġab il-*file* inkwistjoni ġie nnutat illi tlett ħaddiema biss qed jiġu jiffirmaw.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nistaqsu lill-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett illi huwa responsabbli minn dan il-kuntratt u ċ-ċekk m'għandux jinħareġ għalissa.

4.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar informa lil Kunsilliera rigward pagament #2440 fejn qalilhom illi lill-ELC kien qed jaqtalhom 5% *retention money* għaliex kien hemm tlett sibtijiet fejn ma kienx intbagħat ħaddiem biex inaddaf il-ġonna.

Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia ppropona l-awtorizzazjoni ta' dawn il-pagamenti u l-Kunsillier s-Sinjura Carmen Fearne ssekondat.

Il-Kunsill approva unanimament.

5.0 ***Approvazzjoni tal-Budget għas-sena finanzjarja 2013:***

Is-Segretarju Eżekuttiv beda jispjega l-budget għas-sena finanzjarja 2013 u ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera illi din is-sena qed japprovaw budget fejn l-infiq huwa b'€40,000 aktar mid-dħul u li l-Kunsill se jkun qed jitulizza l-fondi li kien faddal fil-passat biex jgħamel tajjeb għal dan.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ippropona l-*budget* u l-Kunsillier is-Sur George Farrugia issekonda.

Il-budget ġie approvat bi qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti.

7.0 ***Aġġudikazzjoni tal-Kwotazzjoni:***

**MLC 01/2013 – Supply and delivery of print cartridges to Marsaskala Local Council.**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilliera illi ħrieġna din il-kwotazzjoni minħabba illi nixtru ammont sostanzjali ta' cartridges.

| | Kuntrattutr | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Toners & More Ltd | As per b.o.q |
| 2. | FGL Info Technology Ltd | As per b.o.q |
| 3. | Office Point | As per b.o.q |

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tiġi aġġudikat lill-Office Point peress li huwa kien l-orħos offerent.

8.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

9.0 ***Mozzjonijiet:***

**Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B. Camilleri (#372 – 12/2/12):**

*"Jipproponi sabiex jiġu nstallati żewġ lampi ġodda fi Triq Apap Bologna".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

10 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm l-ebda informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fil-10.45p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku